# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa**
**Għoxrin (20) ta' Jannar 2021**

**Rikors Numru 1204/19 FDP**

Fl-ismijiet

**Avukat Dottor Yanika Micallef u, b'digriet tat-30 ta' Ġunju 2020, assumiet l-atti l-Avukat Marthese Grech (340395M) bħala mandatriċi speċjali għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Nexum AG**

**Vs**

**United Game Tech Management Ltd (C 73406)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 17 ta' Diċembru 2019, li permezz tiegħu r-rikorrenti nomine talbet s-segwenti:

   *Illi r-rikorrenti ġiet appuntata mandatriċi speċjali ta' Nexum AG permezz ta' riżoluzzjoni bil-miktub tal-bord tad-diretturi (kopja awtentika annessa u mmarkata bħala Dok. 'A');*

   *Illi permezz ta' ordni ta' infurzar datata s-7 ta' Settembru 2017 maħruġa mill-Qorti Distrettwali ta' Euskirchen fil-Ġermanja abbażi ta' sentenza emanenti minn ċitazzjoni notifikata lis-soċjeta' intimata li baqgħet kontumaċi, fl-ismijiet Nexum AG vs United Game Tech Management Ltd. u bin-numru ta' referenza 25 B 281/17 (kopja awtentika tal-ordni tal-infurzar flimkien ma' traduzzjoni awtorizzata u approvata minn Media Consulta Malta Ltd. annessi u mmarkati bħala Dok. 'B'), is-soċjeta' intimata ġiet dikjarata debitriċi tar-rikorrenti nomine fis-somma ta' tnejn u tmenin elf, disa' mija u sittin Euro u tmintax il-ċenteżmu (€82,960.18), valur tas-servizzi li ma tħallsux mis-*

*soċjeta' intimata, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż sad-data tal-pagament effettiv u dan skont il-lista ta' ammonti riċevibbli (kopja awtentika flimkien ma' traduzzjoni awtorizzata u approvata minn Media Consulta Malta Ltd. annessi u mmarkati bħala Dok.'C');*

*Illi s-sożjeta' intimata hija kumpanija reġistrata hawn Malta u r-rikorrenti nomine tixtieq illi l-ordni ta' infurzar hawn fuq imsemmija tiġi infurzata kontra s-soċjeta' intimata skond ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1215/2012 dwar il-Ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni).*

*Illi skond l-Artikolu 39 tar-Regolament 1215/2012, sentenza mogħtija fi Stat Membru li hija eżegwibbli f'dak l-Istat Membru għandha tkun eżegwibbli fl-Istati Membri l-oħra mingħajr ma tkun meħtieġa l-ebda dikjarazzjoni ta' eżegwibbilta'.*

*Illi hekk kif juri d-dokument anness u mmarkat bħala 'Dok. O', is-soċjeta' intimata rċeviet id-dokument li beda l-proċedura u l-ordni ta' infurzar fit-18 ta' Lulju tas-sena 2017 u fil-15 ta' Settembru tas-sena 2017 rispettivament iżda naqset milli tressaq l-oġġezzjoni tagħha fiż-żmien stipulat;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti nomine qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalunkwe provvediment u/jew disposizzjoni li jogħġobha tagħti:*

*1. A tenur tal-Artikolu 826 tal-Kap. 12 tal-Liġjiet ta' Malta, tirrikonoxxi u tordna l-eżekuzzjoni f'Malta tal-ordni ta' infurzar (numru ta' referenza 25 B 281/17) maħruġa mill-Qorti Distrettwali ta' Euskirchen fil-Ġermanja fis-7 ta' Settembru 2017 abbażi ta' sentenza emanenti minn ċitazzjoni notifikata lis-soċjeta' intimata; u*

*2. Tiddikjara l-imsemmija ordni infurzabbli u eżegwibbli kontra s-soċjeta' intimata.*

*3. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti nomine s-somma ta' tnejn u tmenin elf, disa' mija u sittin Euro u tmintax il-ċenteżmu (€82,960.18) flimkien ma' l-imgħaxijiet legali u l-ispejjeż sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra s-soċjeta' intimata li hija nġunta għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fis-27 ta' Diċembru 2019, il-Qorti appuntat ir-rikors għas-smiegħ.

3. Rat illi fid-29 ta' Jannar 2020, il-Qorti akkordat id-dritt lir-rikorrenti sabiex tinnotifika s-soċjeta' intimata.

4. Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali l-Orizzont u The Malta Independent tal-11 ta' Marzu 2020, kif ukoll fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Marzu 2020

5. Rat in-notifika bl-affissjoni fl-Għassa u Kunsill Lokali tal-Gżira kif ukoll fl-indirizz 154, Floor 1, The Strand, Gżira illi saret fit-3 ta' Frar 2020.

6. Rat illi fit-12 ta' Marzu 2020, ma deher ħadd għas-soċjeta' intimata.

7. Rat illi fit-13 ta' Jannar 2021, ġie ppreżentat iċ-ċertifikat maħruġ mill-Qorti Distrettwali ta' Euskirchen ġewwa l-Ġermanja ai termini tal-Art 53 tar-Regolament (UE) 1215/2012.

8. Rat illi fit-13 ta' Jannar 2012 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

9. Rat ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 illi tipprovdi għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi mogħtija fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea ġewwa Malta.

10. Rat iċ-ċertifikat maħruġ mill-Qorti Distrettwali ta' Euskirchen ġewwa l-Ġermanja maħruġ a tenur tal-Artikolu 53 tar-Regolament 1215/2012.

11. Rat illi, abbażi tal-Artikolu 36(2) tar-Regolament 1215/2012, ma hemm l-ebda raġuni għaliex tali talba ta' rikonoxximent tas-sentenza tal-Qorti Distrettwali ta' Euskirchen ġewwa l-Ġermanja ma għandhiex tintlaqa';

12. Tiddikjara li l-proċeduri odjerni w d-dokumentazzjoni eżebita jissodisfaw ir-Regolamenti fuq indikati;

13. Rat l-Artikolu 826 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

14. In vista ta' dan, din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* ipprovat l-każ tagħha skont il-liġi, u konsegwentement:

**Tiddeċiedi t-talba billi:**

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti *nominee* kif dedotti;

Tiddikjara li qed tirrikonoxxi s-sentenza tal-*Qorti Distrettwali ta' Euskirchen fil-Ġermanja fl-ismijiet Nexum AG vs United Game Tech Management Ltd. u bin-numru ta' referenza 25 B 281/17* datata 7 ta' Settembru 2017.

Tiddikjara li l-istess sentenza indikata fil-paragrafu preċedenti hi enforzabbli u eżegwibbli f'Malta ai termini tar-Regolamenti 1215/2012 tal-Unjoni Ewropea.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**